# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 672/2017 MH**

**Illum, 6 ta' Marzu, 2020**

**Johanna Ganado (K.I. Nru. 534761M)**

**vs**

**Edward DeGaetano (K.I Nru. 344457M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-attriċi Johanna Ganado tas-26 ta' Lulju 2017** li permezz tiegħu esponiet:

1. *"Illi l-partijiet kienu miżżewġin u ż-żwieġ tagħhom kien regolat mill-komunjoni ta' l-akkwisti;*

2. *Illi matul iż-żwieġ tagħom huma akkwistaw biċċa art b'ċens mingħand missier ir-rikorrenti attriċi illi fuqha nbniet Villa Belvedere fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal-Lija (**"Villa Belvedere"**);*

3. *Illi sussegwentement, għal raġunijiet unikament attribwibbli lill-intimat konvenut, iż-żwieġ tagħhom tkisser u ġie dikjarat null b'Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li rrikonoxxiet id-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' l-istess żwieġ u sussegwentement b'żewġ sentenzi fil-kawżi numri 1578/2001 u 1665/2001 mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 (is-**"Sentenzi"** eżibiti ma dan l-att bħala Dokumenti A u B rispettivament), ġie definittivament provdut għax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet kif ukoll għall-pendenzi finanzjarji bejnhom;*

4. *Illi f'diversi atti kontra r-rikorrenti attriċi wara is-Sentenzi, l-intimat konvenut beda jippretendi li huwa ġie kanonizzat kreditur fil-konfront tagħha għas-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf ewro (€233,000) rappreżentanti s-sehem tiegħu minn Villa Belvedere li ġiet assenjata lill-istess rikorrenti attriċi;*

5. *Illi l-esponenti attriċi rreżistiet u għadha tirreżisti din il-pretensjoni għaliex dejjem ikkondendiet u għadha tikkondendi li s-sentenza 1578/2001 assolutament b'ebda mod ma tordnalha tħallas dawk il-flus lill-intimat konvenut għal sehemu mill-Villa billi dik is-sentenza tipprovdi li l-kreditu minnu pretiż għal dak is-sehem tiegħu ġie paċut, ossija mħallas fi kliem il-Qorti, kontra krediti parafernali (ta' aktar mid-doppju) lilha dovuti b'mod li għalkemm dawk il-krediti jeċċedu l-ammont likwidat għal sehemu mill-istess Villa u salv dak kollu dovut minnu lilha taħt is-sezzjoni **"Mobbli – Komunjoni – Parafernali"** ta' l-*

*istess sentenza, hija ma għandha tieħu xejn aktar billi l-kreditu ħafna akbar tagħha li ġie mill-Qorti kompletament paċut jew imħallas versu s-somma ta €233,000 li l-intimat konvenut baqa' u jibqa' jippretendi minkejja din it-tpaċċija kif deċiż mill-Qorti;*

6. *Illi minħabba l-insistenza ta' l-intimat konvenut, kellha ssir kawża oħra (Rikors Maħluf Numru 229/2015LM (hawn 'il quddiem imsejħa t-**"Tielet Kawża"**) fejn l-esponenti rikorrenti qegħda titlob li fil-kuntratt ta' trasferiment ta' sehem l-intimat konvenut tal-Villa lilha, dan it-trasferiment għandu jsir versu l-prezz stabbilit mill-Qorti fis-Sentenzi fis-somma ta' €233,000 liema prezz jinsab paċut kontra l-krediti parafernali f'somma akbar (ta' €590,681.53) biex b'hekk, salv dak dovut mill-intimat konvenut lir-rikorrenti attriċi taħt is-sezzjoni **"Mobbli – Komunjoni – Parafernali"** fis-Sentenza ċitazzjoni numru 1578/01NC, hija ma għandha tieħu xejn aktar mill-krediti parafernali speċifikati fl-istess sentenza fl-ammont ta €590,681.93 mill-istess intimat konvenut filwaqt li l-anqas hu m'għandu jieħu xejn mingħand l-esponenti attriċi;*

7. *Illi t-Tielet Kawża bħal-issa tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell;*

8. *Illi fil-mori tat-Tielet Kawża l-intimat konvenut baqa' jinsisti fuq il-pretenjoni tiegħu tant li fl-20 ta' April, 2015 huwa għamel ittra uffiċjali (Dokument Ċ) kontra l-esponenti attriċi għall-ħlas tal-fuq indikata somma ta €233,000, iżda b'ittra uffiċjali oħra tas-7 ta' Lulju 2015 (Dokument D) hija wieġbet billi reġgħet irrespinġiet il-pretensjoni tiegħu fuq il-bażi li din mhux biss kienet sub judice iżda wkoll, semmaj intempestiva;*

9. *Illi sussegwentement, fuq talba ta' l-intimat konvenut, in forza ta' digriet tat-3 ta' Mejju, 2016 mogħti mill-Qorti Ċivili – Sezzjoni Familja, b'att ippubblikat minn Nutar Sylvana Borg Caruana fis-17 ta' Mejju 2016 (Dokument E, hawn 'il quddiem imsejjaħ il-**"Kuntratt"**), l-intimat konvenut ittrasferixxa sehemu mill-Villa lill-esponenti attriċi;*

10. *Illi minkejja dak stipulat fil-Kuntratt li l-esponenti ma kienitx ser tħallas lill-intimat konvenut is-somma ta' €233,000 pretiża minnu għal sehemu mill-Villa pendenti l-eżitu finali tat-Tielet Kawża, fl-14 ta' Settembru 2016 huwa talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (numru 220/16) in eżekuzzjoni tas-Sentenzi (**"il-Mandat ta' Sekwestru"** kopja uffiċjali hawn eżibita Dokument F);*

11. *Illi fid-29 ta' Marzu 2017 l-esponenti attriċi intavolat rikors (numru 75/17SM) għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru taħt l-artikolu 281 tal-Kodċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) iżda fit-13 ta' Ġunju 2016 hija ċediet l-atti ta' dak il-proċediment billi fit-8 ta' Ġunju, 2016 hija għaddiet biex titlob ir-relattiv kontro-mandat (numru 149/2017) għar-raġuni li ddepożitat is-somma pretiża fil-Mandat ta' Sekwestru b'ċedola numru 88/2017 (Dokumenti Ġ u Ħ) taħt l-awtorita' tal-Qorti Ċivili – Sezzjoni Familja biex din tiġi żbankata mill-intimat konvenut, salv id-dritt tar-rikorrenti attriċi għal kull rimedju u azzjoni kontra l-intimat konvenut għar-rifużjoni billi l-istess somma ta' €233,000 mhix dovuta minnha lilu u għalhekk imħallsa ħażin u indebitament minħabba l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru malament ottenut mill-intimat konvenut u salv kull rimedju u azzjoni kompetenti lir-rikorrenti attriċi kontra l-intimat*

*konvenut għall-ħlas lilha ta' dak kollu dovut minnu lilha skont is-Sentenzi;*

12. *Illi għalhekk, l-esponenti rikorrenti qegħda tistitwixxi dan il-proċediment biex, salv id-drittijiet tagħha taħt is-Sentenzi, titlob ir-rifużjoni tas-somma ta' €233,000 mingħand l-intimat konvenut;*

***GĦALDAQSTANT****, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-esponenti rikorrenti umilment titlob illi din il-Qorti jogħġobha tikkundanna lill-intimat konvenut sabiex iħallasha lura s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf ewro (€233,000) malament pretiża mill-intimat konvenut iżda depożitata b'ċedola numru 88/2017 skont il-liġi sabiex tiġi minnu irtirata biex bil-kontro-mandat numru 149/2017, l-esponenti rikorrenti tinħeles mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 220/2016 ta' l-14 ta' Settembru 2016*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment ma dan l-att, tal-kontro-mandat numru 149/2017, taċ-ċedola ta' depożitu numru 88/2017, ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju 2015 u bl-imgħax legali mid-data ta' dan l-att sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat konvenut inġunt minn issa sabiex jidher personalment għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Edward DeGaetano tal-15 ta' Settembru 2017**[1] li permezz tagħha eċċepixxa:

[1] Fol 76 et seq

*"1. Illi l-kawza odjerna hija mhux biss infondata iżda vessatorja irrita u assolutament abużiva għas-segwenti raġunijiet :*

*a) Is-sustanza tal-kawza odjerna ma hija xejn ħlief ripetizzjoni tal-kawża fl-istess ismijiet "**Johanna Ganado vs Edward DeGaetano" (Rikors Guramentat 229/2015LM)** indikata fir-rikors ġuramentat odjern bħala t-"Tielet Kawża" ġja deċisa kontra l-attrici fl-10 ta' Novembru 2015, li minnha l-attriċi appellat, u liema appell għadu pendenti, għaliex sabiex din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba għar-rifusjoni tas-somma ndikata fit-talba, l-istess Qorti trid tittratta kwistjoni li, kif ġie deċis f'dik is-sentenza, "għaddiet in ġudikat bis-sentenzi 1578/2001 u 1665/2001" (**Dok ED1**).*

*b) Kif ġja ġie deċiż bis-sentenza ndikata fil-paragrafu (a) it-talba attriċi hija prekluża abbażi tal-prinċipju tal-exceptio rei judicatae stante li l-uniku rimedju li kellha l-attriċi sabiex timpunja ż-żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (eżebiti bħala Dokumenti A u B mar-rikors ġuramentat) kien dak li titlob ir-ritrattazzjoni tagħhom quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell, ħaġa li qatt ma għamlet.*

*c) Kif ġja ġie deċiż bis-sentenza ndikata fil-paragrafu (a) il-Qorti ta' l-Appell, kif jidher miż-żewġ sentenzi eżebiti mill-istess attriċi bħala Dokumenti A u B, diġa ppronunzjat ruħha fuq il-vertenza vantata mill-attriċi fil-kawża odjerna fis-sens li eżaminat u nterpretat fid-dettal is-sentenza tal-Prim' Istanza u espressament ċaħdet l-aggravju sollevat mill-attriċi odjerna u kkonfermat li hija għandha tħallas lill-eċċipjent (ċioe il-konvenut odjern) is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) ma' l-assenjazzjoni lilha ta' sehem l-eċċipjent tal-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija.*

d) *Il-liġi proċedurali tagħna (Kap 12) imkien ma' jikkontempla li Qorti ta' Prim' Istanza tista' tinterpreta sentenza li għaddiet in ġudikat mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell.*

e) *Kif ġja ġie deċiż bis-sentenza ndikata fil-paragrafu (a) għalhekk din l-Onorabbli Qorti hija ċertament inkompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi u l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.*

f) *Għandu jitqies bħala disprezz għall-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti l-aġir tal-attriċi li l-ewwel tiddepożita biċ-ċedola numru 88/2017 (dokument H ezebit mar-rikors guramentat) l-ammont meritu tal-kawża odjerna sabiex tottjeni r-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 220/2016 (eżebit mar-rikors ġuramentat bħala Dokument F) u appena l-eċċipjent ġie awtorizzat jiżbanka u għarraf lil din il-Qorti li huwa ma kellux iktar interess fil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv fuq indikat li għalhekk ġie revokat, l-istess attriċi tottjeni l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1102/17 (***Dok ED2***) sabiex is-somma żbankata ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) ma tiġix imħallsa lill-eċċipjent bl-iskuża li ntavolat il-kawża odjerna.*

*<u>DIKJARAZZJONI</u>*

***Il-konvenut jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:***

*1. Illi l-kawża odjerna hija mhux biss infondata iżda vessatorja irrita u assolutament abużiva għas-segwenti raġunijiet :*

*a) Is-sustanza tal-kawża odjerna ma hija xejn ħlief ripetizzjoni tal-kawża fl-istess ismijiet "***Johanna Ganado vs Edward DeGaetano***" (Rikors Ġuramentat 229/2015LM) indikata fir-rikors ġuramentat odjern bħala t-"Tielet Kawża" ġja deċisa kontra l-attriċi fl-10 ta' Novembru 2015, li minnha l-attriċi appellat, u liema appell għadu pendenti, għaliex sabiex din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba għar-rifusjoni tas-somma ndikata fit-talba, l-istess Qorti trid tittratta kwistjoni li, kif ġie deċiż f'dik is-sentenza, "għaddiet in ġudikat bis-sentenzi 1578/2001 u 1665/2001". Għandu jiġi ritenut ċensurabbli l-aġir bla waqfien dapparti tal-attriċi sabiex tostakola, b'abbuż sfaċċat tal-liġijiet proċedurali, li tottempera ruħha ma' sentenzi li mhux biss għaddew in ġudikat iżda li* ***ġew dikjarati*** *bis-sentenza fuq riferita li bl-ebda mod ma jistgħu ma jista' d-decide fihom jiġi attakkat jew impunjat.*

*b) Kif ġja ġie deċiż bis-sentenza ndikata fil-paragrafu (a) it-talba attriċi hija prekluża abbażi tal-prinċipju tal-exceptio rei judicatae stante li l- uniku rimedju li kellha l-attriċi sabiex timpunja ż-żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (eżebiti bħala dokumenti A u B mar-rikors ġuramentat) kien dak li titlob ir-ritrattazzjoni tagħhom quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell, ħaġa li qatt ma għamlet. Għalhekk bl-istess sentenzi ġie inekwivokament deċiż li l-esponent kellu jitħallas is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) peress li l-attriċi ġiet assenjata in-nofs sehem indiviz tiegħu tal-Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal-Lija. Għalkemm l-attriċi tasserixxi li fil-kuntratt tal-assenjazzjoni lilha tan-nofs indiviż tal-imsemmi fond hija ddikjarat li mhijiex ser tħallas is-somma in kwistjoni pendenti l-esitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fit-'Tielet Kawza', jiġi rilevat li fl-imsemmi kuntratt ta' assenjazzjoni (eżebit bħala dokument E mar-rikors ġuramentat) ġie espressament dikjarat mill-*

*esponent li huwa ma kienx qed jaqbel mad-dikjarazzjoni tal-attriċi u rriserva il-posizzjoni tiegħu skond il-liġi.*

*c) Kif ġja ġie deċiż bis-sentenza ndikata fil-paragrafu (a), il-Qorti ta' l-Appell, kif jidher miż-żewġ sentenzi eżebiti mill-istess attriċi bħala dokumenti A u B, diġa' ppronunzjat ruħha fuq il-vertenza vantata mill-attriċi fil-kawża odjerna fis-sens li eżaminat u nterpretat fid-dettal is-sentenza tal-Prim' Istanza u espressament ċaħdet l-aggravju sollevat mill-attriċi odjerna f'dak l-appell u kkonfermat li hija għandha tħallas lill-eċċipjent (ċioe' il-konvenut odjern) is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) ma' l-assenjazzjoni lilha ta' sehem l-eċċipjent tal-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija.*

*d) Il-liġi proċedurali tagħna (Kap 12) imkien ma' jikkontemplaw li Qorti ta' Prim' Istanza tista' tinterpreta sentenza li għaddiet in ġudikat mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell.*

*e) Kif ġja ġie deċiż bis-sentenza ndikata fil-paragrafu (a) għalhekk, din l-Onorabbli Qorti hija ċertamanet inkompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi u l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.*

*f) Għandu jitqies bħala disprezz għall-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti l-aġir tal-attriċi li l-ewwel tiddepożita biċ-ċedola numru 88/2017 (dokument H eżebit mar-rikors ġuramentat) l-ammont meritu tal-kawża odjerna sabiex tottjeni r-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 220/2016 (eżebit mar-rikors ġuramentat bħala dokument F) u appena l-eċċipjent ġie awtorizzat jiżbanka u għarraf lil din il-Qorti li huwa ma kellux iktar interess fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq indikat li għalhekk ġie revokat, l-istess attriċi tottjeni l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1102/17*

*sabiex is-somma żbankata ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) ma tiġix imħallsa lill-eċċipjent bl-iskuża li ntavolat il-kawża odjerna."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-kontro-talba ġuramentata tal-konvenut Edward DeGaetano tal-15 ta' Settembru 2017**[2] li permezz tagħha eċċepixxa:

*"Illi b' żewġ sentenzi mogħtija bejn il-partijiet mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 (Ċitazz Numri 1578/2001 u 1665/2001) ġja eżebiti bħala dokumenti A u B, l-attriċi ġiet kundannata tħallas lill-esponent is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) in konsiderazzjoni tal-assenjazzjoni lilha tas-sehem l-esponent tan-nofs indiviż tal-Villa Belvedere, fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal-Lija.*

*Illi tali assenjazzjoni saret permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Mejju 2016 fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana (dokument E eżebit mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

*Illi minkejja tali assenjazzjoni, l-attriċi ma ħallsitx lill-esponent is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) fuq imsemmija.*

*Illi minħabba f'hekk l-esponent ġie kostrett jottjeni l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv numru 220/16 (ġja eżebit bħal dokument F mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

[2] Fol 79 et seq

*Illi in segwitu tal-istess mandat l-attriċi għaddiet biex tiddeposita s-somma in kwistjoni permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 88/2017 (ġja eżebita bħala dokument H mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

*Illi in vista tal-imsemmija ċedola, l-attriċi ntavolat rikors għal ħruġ ta' kontromandat għal mandat ta' sekwestru fuq riferit (ġja eżebit bħala dokument G mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

*Illi l-imsemmi kontromandat ġie akkordat* ***biss wara*** *li l-esponent ġie awtorizzat jiżbanka s-somma in kwistjoni u kkompleta l-formola appożita fil-21 ta' Lulju 2017 (***Dok ED3***).*

*Illi fis-26 ta' Lulju 2017, qabel ma l-esponent irċieva s-somma in kwistjoni, l-attriċi otteniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1102/17 (***Dok ED2***) abbażi tal-pretensjonijiet dedotti minnha fil-kawża odjerna.*

*Illi l-kawża odjerna ġiet ntavolata bl-iktar mod vessatorju u abużiv u minħabba fiha u minħabba l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju relattiv fuq imsemmi, l-esponent ġie pprivat mill-użu tal-ammont in kwistjoni.*

*Illi l-esponent għalhekk jirritjeni li huwa għandu jkun intitolat għad-danni kontemplati fl-artikolu 1047(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili.*

*RAĠUNI TAT-TALBA*

*Peress illi b' żewġ sentenzi mogħtija bejn il-partijiet mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 (Ċitazz Numri 1578/2001 u 1665/2001) ġja eżebiti bħala dokumenti A u B, l-attriċi ġiet kundannata tħallas lill-konvenut is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) in konsiderazzjoni tal-assenjazzjoni lilha tas-sehem l-esponent tan-nofs indiviż tal-Villa Belvedere, fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal-Lija.*

*Peress illi tali assenjazzjoni saret permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Mejju 2016 fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana (dokument E eżebit mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

*Peress illi minkejja tali assenjazzjoni, l-attriċi ma ħallsitx lill-konvenut is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) fuq imsemmija.*

*Peress illi minħabba f'hekk il-konvenut ġie kostrett jottjeni l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv numru 220/16 (ġja eżebit bħal dokument F mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

*Perss illi in segwitu tal-istess mandat l-attriċi għaddiet biex tiddeposita s-somma in kwistjoni permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 88/2017 (ġja eżebita bħala dokument H mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

*Peress illi in vista tal-imsemmija ċedola, l-attriċi ntavolat rikors għal ħruġ ta' kontromandat għal mandat ta' sekwestru fuq riferit (ġja eżebit bħala dokument G mar-rikors ġuramentat tal-attriċi).*

*Peress illi l-imsemmi kontromandat ġie akkolt biss wara li l-konvenut ġie awtorizzat jiżbanka s-somma in kwistjoni u kkompleta l-formola appożita fil-21 ta' Lulju 2017 (Dok ED3).*

*Peress illi fis-26 ta' Lulju 2017, qabel ma l-konvenut irċieva s-somma in kwistjoni, l-attriċi otteniet il-hruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1102/17 (Dok ED2) abbażi tal-pretensjonijiet dedotti minnha fil-kawża odjerna u għalhekk baqa ma rċeviex is-somma in kwistjoni.*

*Peress illi l-kawża odjerna ġiet ntavolata bl-iktar mod vessatorju u abużiv u minħabba fiha u minħabba l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju relattiv fuq imsemmi, il-konvenut ġie pprivat mill-użu tal-ammont in kwistjoni.*

*Peress illi l-konvenut għalhekk jirritjeni li huwa għandu jkun intitolat għad-danni kontemplati fl-artikolu 1047(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili.*

*TALBIET*

*Tgħid għalhekk l-attriċi għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara li bl-azzjoni odjerna tagħha l-attriċi, bla ebda ġustifikazzjoni u dolożament, tellfet lill-konvenut mill-użu tal-flus lilu spettanti skond il-liġi.*

2. *Konsegwentement tikkundannaha ai termini tal-artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili, tħallas lil-konvenut l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) fuq is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) b'effett mill-21 ta' Lulju 2017 (data tal-formola tal-iżbank) sad-data tal-pagament effettiv.*

3. *Konsegwentement, prevja d-dikarazzjoni li l-attriċi aġixxiet dolożament, tikkundannaha tħallas ukoll lill-konvenut dik is-somma li tiġi likwidata bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li setgħa jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mal-kontro-talba ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Johanna Ganado għall-kontro-talba** tal-20 ta' Ottubru 2017[3] li permezz tagħha eċċepiet:

1. *"Illi preliminarjament il-kontro-talba tal-konvenut hija irrita u nulla u bħala tali għandha tiġi miċħuda billi din il-kontro-talba la ma hija ġejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnha hija ġejja t-talba attriċi u l-anqas ma hija l-iskop tagħha li tpaċi l-kreditu attriċi jew iġġib fix-xejn jew li timpedixxi l-azzjoni attriċi w għalhekk ma tinkwadrax fl-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li taħtu suppost saret l-istess kontro-talba;*

2. *Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel suesposta preġudizjali u għal kull ma jsegwi f'dan l-att, it-tielet talba rikonvenzjonali hija superfluwa billi hija kontenuta fit-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenut w għalhekk bħala tali għandha tiġi miċħuda in limite litis;*

3. *Illi fil-mertu, l-attriċi esponenti bil-qawwa tikkontesta il-pretensjoni tal-konvenut illi biż-żewġ sentenzi eżibiti bħala dokumenti A u B, hija ġiet ikkundannata tħallas lill-konvenut is-somma ta' mitejn tlieta u tletin elf ewro (€233,000) billi dan il-kreditu pretiż mill-konvenut ġie paċut, ossija mħallas, kontra krediti parafernali (ta' aktar mid-doppju) dovuti lilha u huwa propju għalhekk li fil-paragrafu penultimu tal-paġna tlieta ta' l-att*

[3] Fol 107 et seq

*pubbliku eżibit bħala dokument E mar-rikors ġuramentat ta' l-attiċi, ġiet stipulata klawsola appożita. Iżda il-konvenut xorta għażel li malament jottjeni l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 220/16 eżibit dokument F mar-rikors ġuramentat ta' l-attriċi għas-somma ta' €233,000 li ġiet mill-attriċi indebitament imħallsa b'ċedola ta' depożitu eżibit bħala dokument H mar-rikors ġuramentat tagħha għall-liema somma l-attriċi għalhekk tippretendi r-rifużjoni u għall-liema pretensjoni l-attriċi għandha kull dritt li tiġi kawtelata bil-mezzi kollha li tagħti l-liġi;*

4. *Illi għalhekk, dejjem fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost u mingħajr preġudizzju għal dak li jsegwi f'dan l-att, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut għandhom jiġu miċħuda billi l-attriċi b'ebda mod ma kienet vessatorja u abużiva fl-otteniment tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 1102/17) minnha mitlub u hija ma għandha ebda interess li tippriva minnu użu ta' flus imma trid biss li tikkawtela dritt tagħha kif għandha kull dritt li tagħmel skont il-liġi; jekk il-konvenut irid, huwa liberu li jagħti garanzija suffiċjenti għall-pretensjoni tagħha u f'dak il-każ l-attriċi tkun pronta li tirrinunzja għall-istess mandat;*

5. *Illi wkoll fil-mertu u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost u għal dak li jsegwi f'dan l-att, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ottenut mill-attriċi (numru 1102/17) fis-26 ta' Lulju 2017 ma jistax ikollu effett retroattiv, cioe' mill-21 ta' Lulju 2017 kif qiegħed jippretendi l-konvenut fit-tieni talba rikonvenzjonali tiegħu għall-finijiet ta' l-istess talba;*

6. *Illi dejjem in subsidium u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut għadu totalment inadempjenti fir-rigward ta' dak li ġie kkundannat favur l-attriċi ai termini bis-Sentenzi fil-kawżi numri 1578/2001 u 1665/200*

*eżibiti bħala dokumenti A u B mar-rikors ġuramentat ta' l-attriċi u l-attriċi tirriżerva d-drittijiet tagħha kollha fir-rigward;*

7. *Illi l-esponenti taf hi personalment il-fatti kif esposti f'dan l-att;*

8. *B'riżerva għal risposti kontenenti eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi u bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa sabiex jidher personalment għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **in-Nota tal-attriċi tal-5 ta' Lulju 2019**[4] permezz ta' liema ċediet l-atti tal-kawża salv krediti oħra li hija għandha kontra l-intimat.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet, in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom kif ukoll semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom u dan kollu fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut.

Rat illi l-kawża tħalliet għal lum għas-sentenza dwar din il-kontro-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut rikonvenzjonant jallega li b'riżultat tal-kawża odjerna ntavolata mill-attriċi huwa sofra danni stante li dolożament u bla ebda raġuni valida tellfitu mill-użu tal-flus li jsostni kienu jispettaw lilu skont il-liġi. Huwa qiegħed jitlob mingħand l-attriċi rikonvenzjonata l-ħlas tal-imgħaxijiet ta' 8% fuq is-somma

[4] Fol 331

ta'€233,000 kif ukoll il-likwidazzjoni ta' somma li tirrapreżenta t-telf ta' qliegħ li seta' jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma.

Minn naħa tagħha l-attriċi rikonvenzjonata tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Oltre għal eċċezzjonijiet preliminari, , fil-mertu hija rribattiet li ma kinitx vessatorja u abużiva fl-otteniment tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju minnha mitlub u aġixxiet biss sabiex tikkawtela drittijiet tagħha kif mogħti lilha  mill-liġi. Għalhekk fil-fehma tagħha m'għandha tagħti xejn lill-konvenut rikonvenzjonant.

Mill-atti jirriżulta fost oħrajn li –

1. Johanna Ganado u Edward DeGaetano **żżewġu fit-28 t'April 1985**;

2. Wara li bejniethom inqalgħu problemi matrimonjali il-konjugi rispettivament intavolaw proċeduri fil-Qorti għas-separazzjoni personali Rik Nru 1578/01 fl-ismijiet *Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano* u Rik Nru 1665/01 fl-ismijiet *Johanna De Gaetano vs Edward De Gaetano.* B'**żewġ sentenzi datati 26 ta' Jannar 2012** il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fost oħrajn (a) astjeniet milli tippronunzja s-separazzjoni personali stante li fil-frattemp iż-żwieġ kien ġie annullat u (b) llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u assenjathom kif stabbilit u ordnat fis-sezzjonijiet intestati "Komunjoni ta' l-Akkwisti" u "Krediti Parafernali";

3. Ta' rilevanza għall-fini tal-proċeduri odjerni huwa dak deċiż fl-imsemmija sentenzi tas-26 ta' Jannar 2012 fir-rigward tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' Villa Belvedere, il-fond matrimonjali tal-koppja li kienet inbniet fuq art b'ċens li l-konjuġi kienu akkwistaw waqt iż-żwieġ mingħand missier l-attriċi. Il-Qorti qalet hekk fil-proċeduri Rik Nru 1578/01 -

*"Assenjazzjoni*

*Illi fir-rigward il-Qorti b' referenza ghal dak li jiddisponi l-artikolu 55A fil-paragrafu [c] tosserva li l-bejgħ tal-Villa Belvedere, li fiha għadha tabita l-konvenuta, huwa kontroindikat; u għalhekk il-Qorti qed tassenja lill-konvenuta nofs is-sehem ta' l-attur fl-istess fond b'mod li l-fond jiġi jappartjeni lilha fl-intier tiegħu.*

*Minn naħa tiegħu l-attur qed jiġi kumpensat bis-somma ta'* ***mitejn tlieta u tletin elf ewro [233,000]*** *li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur. Fil-komputazzjoni ta' dan l-ammont il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:*

*[1] li l-villa setgħet tinbena biss bis-saħħa tad-donazzjonijiet sostanzjali magħmula lill-konvenuta minn missierha għal dan l-iskop; wkoll bil-ħidma tal-konvenuta u ta' ommha;*

*[2] li s-sehem ta' l-attur fil-kostruzzjoni tal-villa, ma jirriżultax ċar mill-provi, għalkemm jirriżulta żgur li hu kien imur fuq il-post sabiex jara li l-affarijiet isiru skond kif ried hu.*

*[3] li pero' l-attur għandu in emfitewsi perpetwa nofs indiviż tal-art li fuqha nbniet il-villa;*

*[4] li, l-attur huwa l-parti unikament ħatja għat-tkissir ta' dan iż-żwieġ.*

*Il-Qorti tordna wkoll li bit-trasferiment ta' sehemu mill-Villa, l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bħala saldati, u għalhekk mhu dovut mill-attur ebda ħlas ulterjuri f' dan ir-rigward. Jibqa' ferm pero' dak dovut lill-konvenuta mill-attur taħt is-sezzjoni hawn taħt intestata "Mobbli – Komunjoni – Parafernali".*

Fil-proċeduri Rik 1665/01 il-Qorti laqgħet it-talba dwar il-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti skont kif deċiż fis-sentenza Rik Nru 1578/01.

4. Dawk iż-żewġ sentenzi ġew appellati u b'**sentenzi datati 28 ta' Ġunju 2013**[5] l-Qorti tal-Appell rriformathom parzjalment u kkonfermathom fil-bqija. Fil-każ Rik 1578/01 il-Qorti rrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kienet illikwidat u qasmet il-komunjoni tal-akkwisti u ddikjarat biss xolta u mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn il-partijiet. Fil-każ Rik 1665/01 il-Qorti, wara aggravji mressqa mill-partijiet fir-rigward tal-*quantum* likwidat a favur Edward DeGaetano mill-ewwel Qorti, ddeċidiet li tirrespinġihom u kkonfermat il-likwidazzjoni tas-somma ta' €233,000 a favur l-istess Edward DeGaetano;

5. **Fis-27 ta' Marzu 2015**[6] Johanna Ganado ntavolat proċeduri ġodda quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili Rik Nru 299/15 fl-ismijiet *Johanna Ganado vs Edward De Gaetano* permezz ta' liema talbet lill-Qorti tordna li in eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013 għandu jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' trasferiment minnhom ordnat fejn is-sehem ta' Edward DeGaetano mill-Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija, jiġi lilha trasferit kontra l-prezz stabbilit mill-istess Qorti ta' €233,000 u jiġi inoltre dikjarat fl-istess kuntratt li dak il-prezz jinsab paċut kontra l-krediti parafernali f'somma akbar ta' €590,681.53 dovuti mill-istess Edward Degaetano lil Joanna Degaetano biex b'hekk, salv dak dovut lill-istess Johanna Ganado minn Edward DeGaetano taħt is-sezzjoni "Mobbli – Komunjoni - Parafernali" fis-sentenza ċitazzjoni numru 1578/01NC, hija ma għandhiex tieħu xejn aktar mill-krediti parafernali speċifikati fl-istess sentenza fl-ammont ta' €590,681.93 mill-istess Edward DeGaetano u lanqas għandu jieħu xejn hu mingħand ir-rikorrenti. Il-konvenut irrespinġa dawk il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

[5] Fol 5 et seq
[6] Fol 115 et seq

6. Sussegentement permezz ta' **ittra uffiċjali datata 20 t'April 2015**[7] il-konvenut interpella lil Johanna Ganado sabiex tħallsu s-somma ta' €233,000 kif ukoll l-imgħaxijiet skont ma ġie deċiż fis-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2013;

6. Permezz ta' **ittra uffiċjali responsiva datata 7 ta' Lulju 2015**[8] l-attriċi rrespinġiet il-pretensjonijiet imressqa minn Edward DeGaetano fl-ittra uffiċjali tiegħu għax irribadiet li mhux biss ma kinux dovuti lilu talli minħabba insistenza tiegħu kellha ssir il-kawża l-oħra Rik 229/15;

7. B'**sentenza datata 10 ta' Novembru 2015**[9] il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi stante li ddikjarat li ma kinitx kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi ġaladarba dawn kienu jistrattaw kwistjoni li għaddiet in ġudikat bis-sentenzi 1578/01 u 1665/01;

8. Fis-**27 ta' Novembru 2015**[10] l-attriċi appellat minn dik is-sentenza;

9. Fis-**17 ta' Mejju 2016**[11] ġie ppublikat il-kuntratt ta' trasferiment ordnat mis-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2013 pero' Johanna Ganado ddikjarat li peress li l-appell tagħha fil-kawża Rik 229/15 kien għadu pendenti hija ma kinitx ser tħallas is-somma ta' €233,000 sakemm jinqata' l-appell. Minn naħa tiegħu Edward De Gaetano ma qabilx ma' din id-dikjarazzjoni u rriserva l-pożizzjoni tiegħu skont il-liġi;

10. Fl-**14 ta' Settembru 2016**[12] Edward De Gaetano intavola rikors Nru 220/16 għall-ħruġ ta' mandat ta' Sekwestru kontra Johanna Ganado għas-somma ta' €233,000 bħala titolu eżekuttiv fuq kreditu kanonizzat permezz tas-sentenza tas-26 ta' Jannar Rik Nru 1578/01 liema kanonizzazzjoni għalkemm ġiet revokata

[7] Fol 41
[8] Fol 42
[9] Fol 225 et seq
[10] Fol 243 et seq
[11] Fol 43 et seq
[12] Fol 48 et seq

bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013, baqgħet mhux mittiefsa bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-istess data fil-kawża 1665/01;

11. Fit-**8 ta' Ġunju 2017**[13] Johanna Ganado ntavolat rikors Nru 149/17 għall-ħruġ ta' kontro-mandat peress li ddepożitat is-somma pretiża fil-Mandat ta' Sekwestru Nru 220/16 permezz ta' ċedola numru 88/2017 taħt l-awtorita' tal-Qorti biex din tiġi żbankata mill-intimat konvenut. Fiċ-ċedola msemmija Ganado ddikjarat[14] li hija kienet qed tiddepożita s-somma ta' €233,000 salv id-dritt tagħha għar-rifużjoni tal-istess peress li sostniet li tali ammont ma kienx dovut lilu kif pretiż;

12. B'**Nota datata 24 ta' Lulju 2017**[15] Edward De Gaetano nforma lill-Qorti li **fil-21 ta' Lulju 2017** huwa kkompleta l-iżbank taċ-Ċedola ta' Depożitu 88/17 u għalhekk ma kellux aktar interess li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 220/16 jibqa' fis-seħħ;

13. Konsegwentement fil-**25 ta' Lulju 2017**[16] il-Qorti ordnat il-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv ;

14. **Fis-26 ta' Lulju 2017** l-attriċi ntavolat il-proċeduri odjerni kontra l-konvenut;

15. Fl-istess jum u ċioe' **fis-26 ta' Lulju 2017**[17] Johanna Ganado ntavolat rikors Rik Nru 1102/17 għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra Edward De Gaetano għas-somma ta' €233,000 bil-kawżali tkun ir-rifużjoni tas-somma ta' €233,000 żbankata mis-sekwestrat wara depożitu minnha b'ċedola ta'

---

[13] Fol 53 et seq
[14] Fol 61
[15] Fol 55
[16] Fol 54
[17] Fol 91

depożitu nru 88/17 sabiex permezz tar-relattiv kontro-mandat numru 149/17, jitneħħew l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv nru 220/16 ottenut malament mis-sekwestrat kontra s-sekwestranti. Il-Mandat ġie milqugħ u fis-16 ta' Novembru 2017[18] b'ċedola ta' depożitu Nru 1906/17 id-difensur tal-konvenut iddepożita s-somma ta' €2298,843.21 li flimkien mas-somma ta' €3,152.79 spejjeż u drittijiet tal-proċedura kienu jiffurmaw is-somma ta' €232,996 in ottempranza mal-Ordni tal-Qorti fil-Mandat ta' Sekwestru 1102/17 ( €4 kienu ġew imnaqqsa bħala commission wara li d-Dipartiment tat-Teżor bħala sekwestrarju trasmetta s-somma fil-kont bankarju tal-konvenut);

16. **Fit-2 ta' Mejju 2019**[19] il-Qorti tal-Appell fil-proċeduri Rik Nru 299/15 iddeċidiet l-appell ta' Johanna Ganado billi laqgħetu limitatament u rrevokat is-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddeċidiet li ma kellhiex kompetenza li tisma' l-każ u minflok, iddikjarat li dik il-Qorti kellha kompetenza li tisma' u tiddeċiedi l-każ; imbagħad iddeċiediet dwar il-meritu billi, għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenza ċaħdet it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors promotur;

17. Waqt is-seduta tal-**5 ta' Lulju 2019**[20] l-attriċi ddikjarat li sussegwentement għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Mejju 2019 Rik 299/15 hija ppreżentat Nota sabiex il-konvenut jiżbanka l-ammont minnu pretiż u hija rtirat kull mandat u dan nonostante li kien fadlilha krediti skont is-sentenza oriġinali li kienu għadhom mhux saldati. Irriżulta li ġie preżentat kontro-mandat fit-12 ta' Ġunju 2019 u għalhekk id-difensur tal-konvenut rikonvenzjonant iddikjara li fir-rigward tal-kontro-talba it-talba għall-imgħax legali tasal biss sa dik id-data;

[18] Fol 289
[19] Fol 321 et seq
[20] Fol 332

18. Xehed ukoll **l-avukat Albert Libreri**[21], difensur tal-konvenut rikonvenzjonant li ta dettalji dwar il-proċeduri legali istitwiti bejn il-kontendenti u materji anċillari.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Fl-ewwel eċċezzjoni prelimari tagħha għall-kontro-talba**, l-attriċi tissolleva l-irritwalita' u n-nullita' tal-kontro-talba kif proposta. Din l-eċċezzjoni tgħid hekk-

*"Illi preliminarjament il-kontro-talba tal-konvenut hija irrita u nulla u bħala tali għandha tiġi miċħuda billi din il-kontro-talba la ma hija ġejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnha hija ġejja t-talba attriċi u l-anqas ma hija l-iskop tagħha li tpaċi l-kreditu attriċi jew iġġib fix-xejn jew li timpedixxi l-azzjoni attriċi w għalhekk ma tinkwadrax fl-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li taħtu suppost saret l-istess kontro-talba;"*

Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tezamina din l-eċċezzjoni tqies illi din tolqot b'mod fatali l-kontro-talba jekk tirriżulta. Huwa meqjus u miżmum kif se jirrizulta mis-sentenzi sotto ċitati, illi l-kontro-talba għalkemm trid isir fit-tifsila kif maħsuba fil-liġi, pero hija kawza awtonoma u kapaċi toqgħod waħida għal proċess ġudizzjarju ndipendentement mil-kawza attriċi promotura.

Illi llum kif jirrizulta l-attriċi ċediet it-talbiet promoturi. Għalhekk l-eċċezzjoni lil kontro-talba mhux konformi mall-preċett ta' l-artikolu msemmi hija llum irrisorja. Pero l-Qorti tħoss li anke mill-punto di vista akkademiku din l-eċċezzjoni timerita li tiġi konsiderata u oltre dana aktar minħabba l-animu li fl-opinjoni tal-Qorti saret din bih il-kawza kif se jirizulta aktar 'l quddiem.

[21] Fol 260 et seq u fol 291 et seq

Ingħad hekk fil-każ **L-Avukat Dottor Francis Lanfranco vs Francesco Saverio *sive* Frans Cutajar deċiż fid-29 ta' Settembru 2015 -**

*"Ir-rikonvenzjoni hija proċedura speċjali, eċċezzjonali, regolata bl-**Art. 396 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.** L-element essenzjali ta' din il-proċedura hija il-konnessjoni li trid tirriżulta bejn it-talba u l-kontro-talba (continentia causarum). L-iskop tal-proċedura imsemmija hija l-unifikazzjoni ta' żewġ kawżi awtonomi u distinti li altrimenti ikunu jistgħu jinstemgħu kontestwalment u jwasslu għal żewg sentenzi separati minnflok sentenza unika.*

*Skont l-**Artikolu 396(a) tal-Kap Tnax tal-Liġijiet ta' Malta,** kontro-talba tista' ssir:-*

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-atturkif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istessfatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkunġejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

*L-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju hija proponibbli biss jekk jinkonkorru r-rekwiżiti stabbiliti fl-**artikolu 789 tal-Kap.12** .....*

*Huwa paċifiku li għalkemm il-leġislatur ma llimitax it-talbiet li jistgħu jitressqu permezz ta' talba rikonvenzjonali, dawn għandhom ikunu konnessi mat-talba principali u l-iskop tal-istess huwa mhux biss li tiġi eliminata l-obbligazzjoni attriċi, jew ikkompensata, iżda wkoll li d-domandi attriċi jiġu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati. (**Nicholas Ellul et v Mary Cutajar et** - PA FGC - 15 ta' Mejju 1998).*

*"Vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolo." (Ara ad. ez. is-sentenzi fl-ismijiet "**Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited et**" (Ċitaz. Numru 881/97/RCP) deċiża fl-4 ta' Diċembru 1998, u "**Dr.Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud**" (Ċitaz. Nru. 2302/97/RCP).*

*Dawn il-prinċipji ġw elaborati minn din il-qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Air Malta p.l.c. v Lawrence Borg għan-nom ta' South Rays Holidays Limited** (PA(JRM) - deċ. fit-30 ta' Ġunju 2004). Il-Qorti irriteniet hekk:-*

*"Huwa stabilit li b'"fatt" wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika ...Il-Qorti hija tal-fehma meqjusa li "fatt" ma jista' jkun qatt xi ħaġa li tnisslet u seħħet wara u b'konsegwenza tal-fatt li nbdew proċeduri fil-Qorti biex jiġi determinat ġuridikament jekk xi wahda mill-partijiet kinitx kisret il-ftehim - jigi, l-veru "fatt";"*

L-attriċi rikonvenzjonata targumenta li l-kontro-talba ma taqax fil-parametri ta' l-artikolu 396 tal-Kap 12 għaliex filwaqt li t-talba tagħha fil-kawża odjerna hija għar-rifużjoni ta' flus malament pretiżi mill-konvenut fuq titolu ineżistenti, l-istess konvenut qiegħed jirrikonvenzjona għad-danni minnu pretiżi minħabba mandat ta' sekwestru kawtelatorju minnha miksub. Hija tgħid li tant il-kontro-talba ma toħroġx mill-istess fatt li fuqha hija mibnija l-kawża attriċi illi, mill-

kontro-talba nfisha jirriżulta illi li kieku hija ma kisbitx il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju dak inhar li fetħet il-kawża, l-intimat ma kienx ikollu bażi fuq xhiex iressaq il-kontro-talba tiegħu u għalhekk l-istess kontro-talba hija msejsa biss fuq fatt ta' proċedura kawtelatorja magħmula mir-rikorrenti biex tħares l-azzjoni tagħha u mhux fuq il-mertu tal-azzjoni nfisha.

Il-Qorti ma tqisx li din l-eċċezzjoni hija ġustifikata.

Fil-proċeduri odjerni l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallasha lura s-somma ta' €233,000 allegatament malament pretiżi minnu, iżda depożitata b'ċedola numru 88/2017 skont il-liġi sabiex tiġi minnu irtirata, biex bil-kontro-mandat numru 149/2017, l-attriċi tinħeles mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 220/2016 ta' l-14 ta' Settembru 2016. Kif jirriżulta b'mod ċar mir-rikors promotur, iIl-pretensjoni tal-attriċi hija naxxenti mill-fatt li, allegatament, is-sentenzi deċiżi finalment mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 b'ebda mod ma kienu ordnawlha tħallas dawk il-flus lill-intimat u għalhekk kellha anke tiftaħ it-tielet kawża Rik Nru 229/15. Sussegwentement il-konvenut ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq is-somma ndikata, liema mandat ġie revokat wara li hija ddepożitat il-flus imsemmija u hija talbet ir-rifużjoni tagħhom fil-kawża odjerna.

Il-Qorti pero' tirrileva li, kuntrarjament għas-sottomissjonijiet magħmula mill-attriċi, il-kontro-talba tal-konvenut hija ben konnessa mat-talbiet attriċi fit-termini li trid il-liġi. Infatti l-konvenut ukoll bena l-pretensjonijiet tiegħu fuq l-istess fatt u ċioe' l-effetti taż-żewġ sentenzi deċiżi mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 in kwantu huwa jikkontendi li dawn kienu effettivament ikkundannaw lill-attriċi tħallsu s-somma ta' €233,000 u hu kien kostrett jieħu proċeduri permezz tal-Mandat ta' Sekwestru biex jipprova jieħu dak li kien dovut lilu, tentattiv li falla wara li l-attriċi mhux biss intavolat mandat ieħor ta'

sekwestru iżda anke l-kawża odjerna. It-talbiet fil-kontro-talba huma nfatti marbuta mal-allegata dolożita tal-azzjoni odjerna fit-totalita' tagħha u mhux biss dwar il-mandat kawtelatorju 1102/17 li sar mill-attriċi stante li din qed ittellfu l-użu tas-somma ta' €233,000 b'dannu għalih.

Minn dan isegwi li r-rabta ġuridika rikjesta mill-liġi bejn l-azzjoni attriċi u l-kontro-talba tal-konvenut ġiet murija għax filwaqt li a bażi tas-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2013 l-attriċi tinsisti li dawn ma kkundannawhiex għall-ħlas ta' €233,000 lill-konvenut (liema pożizzjoni wasslitha biex eventwalment fetħet il-kawża odjerna), minn naħa l-oħra l-konvenut, ukoll a bażi ta' dawk iż-żewġ sentenzi, kellu pożizzjoni opposta u ċioe' li hi kellha tħallsu s-somma msemmija, liema pożizzjoni wasslitu biex eventwalment mhux biss oppona għall-kawża odjerna mressqa mill-attriċi iżda anke li jressaq pretensjonijiet dwar din l-istess somma fil-kontro-talba.

Għaldaqstant il-kontro-talba kif proposta, kienet mill-bidunett intiża li twassal għan-newtralizzazzjoni tal-azzjoni attriċi stante li biex tintlaqa' kien jeħtieġ li l-Qorti ma tilqax il-pożizzjoni tal-attriċi **(kieku din ma ċedietx l-atti tal-kawża tagħha)** dwar jekk hux dovut jew le l-ħlas ta' €233,000 u lil min.

**Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

**Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha għall-kontro-talba**, l-attriċi teċċepixxi hekk –

*"Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel suesposta preġudizjali u għal kull ma jsegwi f'dan l-att, it-tielet talba rikonvenzjonali hija*

*superfluwa billi hija kontenuta fit-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenut w għalhekk bħala tali għandha tiġi miċħuda in limite litis;".*

Anke din l-eċċezzjoni ma treġix.

It-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenut hija għall-kundanna tal-attriċi għal ħlas ta' imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €233,000 a tenur tal-artikolu 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li t-tielet talba rikonvenzjonali qegħda titlob il-ħlas ta' somma likwidata bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li seta' jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma a tenur tal-artikolu 1047 (2) tal-Att imsemmi. Waħda ma teskludix lill-oħra. Dan għaliex il-ħsara li twassal għall-applikazzjoni tal-ewwel subartikolu tirrikjedi biss il-prova tal-ħsara li wasslet biex ittellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, filwaqt li t-tieni sub-artikolu jipprovdi għal kumpens għal ħsarat oħra sofferti u fil-fatt jispeċifika li l-Qorti *"tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti* ***wkoll*** *lill-parti li tbati l-ħsara indennizz* ***għal kull ħsara oħra li tkun batiet****"* b'dana li pero' trid tinġieb il-prova li l-parti li tkun għamlet il-ħsara aġixxiet dolożament.

**L-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda.**

Sorvolati dawn l-eċċezzjonijiet preliminari imiss issa jiġu kkunsidrati t-talbiet fil-mertu.

**L-ewwel talba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant** titlob lill-Qorti -

*"Tiddikjara li bl-azzjoni odjerna tagħha l-attriċi, bla ebda ġustifikazzjoni u dolożament, tellfet lill-konvenut mill-użu tal-flus lilu spettanti skond il-liġi".*

Kif jipprovdi **l-artikolu 532 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta –**

*"Għandu dejjem jingħadd li wieħed huwa bona fidi, u min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha."*

Fil-każ **HSBC Bank (Malta) plc vs Cerfar Ltd deċiż minn din il-Qorti kif preseduta fit-3 ta' Lulju 2019** ingħad hekk -

*Fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Karkanja Developments Limited (C-34155) vs Paul Galea et deċiż fid-29 ta' Novembru 2018*** *ingħad hekk -*

*"Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza* ***Zarb vs Port Cottonera*** *deċiża fit-18 ta' Settembru 2002 u dan b'referenza partikolari għal sentenza preċedenti* ***Busietta Gardens Madliena Limited vs Civil Engineering and Contractors Co. Ltd*** *deċiża fil-11 ta' Jannar 2002:*

*"Din il-Qorti, kif presjeduta, tħoss bir-rispett kollu, li t-terminu ta' dan id-dicta huwa ftit wiesgħa. Skond dik is-sentenza, jekk persuna tiftaħ kawża in buona fede, għax ġenwinament tħoss li għandha raġun, u tikkawtela l-pretensjoni tiegħu bi ħruġ ta' mandat kawtelatorju, jekk, għal xi raġuni jew oħra, titlef il-kawża, tkun passibbli għad-danni. Din il-Qorti tħoss li dan il-prinċipju jista' jkun perikoluż għal min ikun titolar tad-dritt, għax il-possiblità li kawża tintilef huwa dejjem reali, sod kemm ikun sod it-titolu pretiż mill-attur. Dan il-prinċipju jista' jbiegħed lil min ikun fis-sewwa milli jitob ir-rimedju mill-Qorti u dan minħabba l-biża, dejjem reali, li jitlef il-kawża u, kwindi, ikollu jħallas danni.*

*Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilità għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mill-liġi."*

*Imbagħad fil-każ* ***Adrian Grech et vs James Falzon deċiż fit-22 ta' Novembru 2018*** *il-Qorti rreferiet b'mod estensiv għall-ġurisprudenza in materja –*

*"Illi f'dan il-kuntest issir referenza eżawstiva għall-prinċipji enunċjati fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* **John Zarb vs. Port Cottonera Limited***, datata t-18 ta' Settembru, 2002, li stabbiliet is-segwenti:*

*"Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hi li eżercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilita` għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibili mill-ligi ...*

*"Hu meta persuna taġixxi kapriċċosament jew b'mala fede, li tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-aġir irresponsabbli tagħha;*

*"Din il-qorti, għalhekk, filwaqt li tista' taqbel li ċ-ċirkostanzi ta' meta min ikun ħareġ mandat kawtelatorju jista' jinsab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, tħoss li r-responsabbilita` trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-ħsieb ta' bonus pater familias;*

*"Din il-posizzjoni tidher li kienet abbraċċjata ukoll min din il-qorti kif diversament presjeduta ...fil-kawża "***Spiteri vs Camilleri***" deċiża fl-10 ta' Jannar, 1992. F'dik il-kawża ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:*

*"(a) Illi hu prinċipju fundamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżercizzju ikun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbagħti ħaddieħor, in omaġġ għall-massima "qui suo iure utitur non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-qorti, hu dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-cittadin ma għandhu bl-ebda mod jiġi mxekkel;*

*"(b) Illi tali dritt taċ-ċittadin għar-rikors lejn il-qorti ma għandux jiġi abbużat;*

*"(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-qorti, bl-ebda mod ma jfisser neċċessarjament li sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-qorti.*

*"Non e` in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunal il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" Kollez. Vol. XV. Pg. 34 P.A. 24.1.1985). Dan għaliex għalkemm il-liġi hi l-istess għal kulħadd, huwa veru ukoll li l-liġi hi soġġetta għal diversi, interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u jiddeċiedi dwarhom;*

*"(d) Illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta` ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" Kollez. Vol XXXIX. 1. 24), nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Carbone nomine" Kollez. Vol. XIII. 434), fejn min ikun adixxa lill-qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e` sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite" ("Mugliette vs Bezzina" Kollez. Vol. XXVI. I. 405);*

*"(e) Illi dan l-aħħar prinċipju hu bbażat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta` jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi:*

*"Il diritto cessa dove comincia l-abbuso ... Riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa`, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti".*

*Applikat dan il-prinċipju għad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo` essere condannato a pagare un'indemnita` al suo avversario ..." (Baudry – Lacantinerie – Trattato Prattico di Diritto civile – Delle Obligazioni – Vol. VI. Pg. 560)";*

*Fil-każ **Anna Vella vs Eric Darmanin deċiż fis-26 ta' Frar 2015** il-Qorti elenkat is-segwenti prinċipji ġurisprudenzjali –*

*"Kif ġie enunzjat fil-kawża **Jane Spiteri v Nicholas Camilleri** (PA(JSP) - deċ. 10 ta' Jannar 1992) "Hu ċar ukoll li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti hija fost l-aqwa drittijiet li fl-eżercizzju tiegħu ċ-ċittadin bl-ebda mod ma għandu jiġi mxekkel. Jinkombi fuq iċ-ċittadin pero' d-dover li ma jabbużax minn dan id-dritt u jekk jabbuża jkun ritenut responsabbli għad-danni provokati b'tali abbuż. Mill-banda l-oħra hu ċar ukoll l-fatt li t-talba ta' min ikun ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser neċessarjament li sar abbuż tad-dritt li tiġi adita l-Qorti. Hu biss f'każ eċċezzjonali li dan ikun il-każ. Dan għaliex hu risaput li għalkemm il-liġi hi oġġettivament waħda għal kullħadd, fl-istess ħin hi spiss tagħti lok għall-interpretazzjonijiet vari u soġġettivi li l-partijiet u s-soċjeta' jafdaw f'idejn il-ġudikant biex jiddetermina u japplika.*

*Kif jgħid l-awtur (Baudry -Lacantinerie. -Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni-Vol. VI. Pg. 560). "Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti linteressi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi " chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario….. ".*

*Il-limiti ta' responsabbilita' ġew imfissra minn din il-Qorti diversament presjeduta f'sentenza mogħtija fis-17 ta' Mejju 1902 fl-ismijiet **Francesco Camilleri v Lorenzo Gatt nomine** :*

*"...kif ġie kostantement ritenut minn din il-Qorti, min ikun rebbieħ f'kawża jkollu dritt jitlob id-danni mill-parti l-oħra, meta jkunu fondati, mhux fuq is-sempliċi fatt tal-kontestazzjoni, imma fuq att doluż jew kolpuż ta' dik il-parti, li b'malizzja jew negliġenza gravi tkun ikkaġunatlu danni billi daħħlitu f'kawża."*

*Il-Qorti ssoktat tiċċara li "Dan ma jfissirx li kull min jitlef kawża għandu wkoll jirrispondi għad-danni, għax min jesercita d-dritt tiegħu mhux responsabbli għad-danni li jistgħu jiġru, sakemm il-pretensjoni tiegħu ma tkunx arbitrarja jew kapriċċusa."(Kollez.Vol.XXVIII-I-288-96;Vol.V,222;Vol.VII,I;Vol.XII,434;Vol.XXVII-I-72; u Appell 7 ta' Dicembru 1931 in re:* ***Barbara v Fleri*** *fejn ġie ritenut li "Meta jiġu applikati l-prinċipji fuq esposti għall-każ in eżami, l-appellant għandu jiġi miżmum responsabbli għad-danni mitluba minnħabba l-pretensjoni tiegħu temerarja u kapriċċjuża."*

*Illi jirriżulta li tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' (***Emanuele Calleja vs Carmelo Grima*** *-A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpuża (Agius vs Dott. Carbone nomine -XIII. 434 -10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". (Mugliette vs Bezzina -XXVI. I. 405).*

*Minn dan joħroġ li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja u mhux is-suċċess o meno fis-sentenza finali."*

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija meritata.

Fil-proċeduri li saru quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li ġew konklużi bis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013 kien ġa sar pronunċjament ċar li l-attriċi rikonvenzjonata kellha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' €233,000 filwaqt li hija tieħu s-sehem ta' żewġha fil-Villa Belvedere. A skans ta' kull ekwivoku, fis-sentenza tal-prim istanza Rik 1578/01 il-Qorti kienet qalet b'mod ċar u inekwivoku hekk –

***"Minn naħa tiegħu l-attur qed jiġi kumpensat bis-somma ta' mitejn tlieta u tletin elf ewro [233,000] li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur."***

Kif diġa elenkat fis-sinteżi tal-provi, għalkemm is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013 varjaw is-sentenzi tal-ewwel Qorti f'xi aspetti, dak li jirrigwarda l-obbligu tal-ħlas tas-somma msemmija mill-attriċi lill-konvenut reġa' ġie konfermat anke jekk fuq raġunament kemmxejn differenti. Infatti fl-appell Rik Nru 1665/01 il-Qorti reġgħet kienet kategorika fil-konklużjoni tagħha li dan il-ħlas kellu jsir lill-konvenut rikonvenzjonant -

*"It-tieni ilment tal-attur prima facie jidher ġustifikat. Huwa jgħid li anke jekk wieħed jieħu l-ammont imsemmi li huwa l-inqas wieħed favorevoli għalih fil-komputazzjoni relattiva għall ammont dovut lilu skont il-qasam ordnata mill-Qorti, dan għandu jkun akbar minn mitejn, tlieta u tletin elf Euros (€233,000) għaliex il-Qorti jidher li minflok naqqset il-kreditu parafernali tal-attriċi mill-ammont totali (ghaliex si tratta ta' krediti vis à vis il-komunjoni), naqqsitu minn sehemu. Dan jista' jidher evidenti mad-daqqa t'għajn – pero` l-ewwel nett meta l-appellant ħadem l-ammont suppost dovut lilu ma naqqasx ukoll is-somma ta' tnejn u sittin elf, u sebgħin Euros (€62,070) li ġew donati lill-konvenuta mill-*

*ġenituri tagħha biex tixtri l-mobbli tad-dar fl-2002. Għalhekk l-ammont dovut lill-appellanti kieku kellu jkun ta' ħames mija, disgħa u sebgħin elf, tmien mija, sebgħa u għoxrin Euros (€579,827).*

*Madankollu meta wieħed jeżamina s-sentenza sewwa jinduna li fil-fatt il-Qorti mhux żball kienet ħadet iżda kkunsidrat bħala donazzjonijiet esklussivi lill-appellata dawk li l-appellant iqis bħala krediti fil-kumputazzjoni tiegħu.* ***Kien għalhekk li l-Qorti ddeċidiet li takkorda s-somma ta' mitejn, tlieta u tletin elf Euros (€233,000) liema somma illikwidat arbitrio boni viri u anke hawn din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba la l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li fil-fatt dawk kienu donazzjonijiet magħmula mill-ġenituri tal-appellata lilha biss u lanqas il-likwidazzjoni li saret mill-istess Qorti bbażata fuq il-figuri li kellha quddiemha***[22]*. Għalhekk il-Qorti wara li ħasbet fit-tul u eżaminat l-atti tal-kawża wkoll se tirrespinġi dan l-aggravju."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk id-deċiżjoni tal-Qrati fil-kawżi suċċitati ma jħallu ebda lok jew ħjiel ta' dubju dwar il-fatt li l-attriċi rikonvenzjonata kellha tħallas is-somma ta' €233,000 lill-konvenut.

Jiġi nnutat ukoll li anke l-Qorti tal-Appell fil-każ Rik 299/15 irrimarkat mingħajr ebda riżervi li -

"…..**minn qari intelliġenti tas-sentenzi de qua u mingħajr sforz kbir tal-intellett għandu jirriżulta ċar kristallin**[23] *li fil-parti relattiva tas-sentenza fil-kawża numru 1578/01 u preċiżament fil-paġni numri 11 u 13, fl-assenjazzjoni magħmula rigwardanti d-dar matrimonjali li inbniet fuq art li kienet ingħatat lill-partijiet b'enfitewsi perpetwa minn missier l-attriċi u li għalhekk f'ċirkostanzi normali l-konvenut kellu nofs indiviz tal-art, dik il-Qorti, minħabba l-fatturi elenkati minnha, dehrilha li ma kienx gust li l-valur kollu ta' nofs il-binja, allura [il-binja shiha] stmata mill-Perit David Pace fl-ammont ta' €1,750.76, jiġi assenjat lill-*

[22] Tipa grassa u sottolinear ta' din il-Qorti
[23] Tipa grassa u sottolinear ta' din il-Qorti

*konvenut bħala kumpens, iżda fid-dawl ta' dawk l-istess fatturi illikwidat il-kumpens dovut lil Edward De Gaetano arbitrio boni viri fl-ammont ta' €233,000 li "għandhom" jitħallsu lilu minn Johanna Ganado. Iżda tenut kont li dan l-aħħar ammont huwa ferm inferjuri mill-valur ta' nofs il-binja, dik il-Qorti żiedet li "ukoll" bit-trasferiment ta' sehmu mill-villa "l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bħala saldati" u għalhekk mhu dovut mill-attur ebda ħlas "ulterjuri" f'dan ir-rigward.*

*16. Minn qari tas-sentenza relattiva jirriżulta li fis-sezzjoni **"Krediti Parafernali"** hemm elenkati diversi krediti parafernali appartenenti lill attriċi fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. Huma dawn il-krediti li dik il-Qorti irreferiet għalihom bħala li għandhom jitqiesu saldati mat trasferiment ta' sehem Edward De Gaetano lil Johanna Ganado mill-villa u mhux il-kumpens mogħti għal dak it-trasferiment. Dan kellu jirriżulta aktar ċar meta fl-istess paragrafu l-Qorti tal-Familja eskludiet dak dovut lill-konvenuta mill-attur taħt is-sezzjoni intestata **"Mobbli – Komunjoni – Parafernali."***

*17. Fi ftit kliem, tenut kont li lil Edward De Gaetano ma ġiex assenjat il-valur sħiħ ta' nofs il-villa [minħabba l-fatturi elenkati fis-sentenza] u ġie assenjat lilu ammont ferm inferjuri għal valur ta' nofs il-villa, dik il-Qorti dehrilha li l-valur tal-krediti parafernali tal-attrici kellhom jitqiesu saldati, u dan indipendentement mill-hlas tal-kumpens ta' €233,000 dovut lilu bl-assenjazzjoni lilha ta' sehem Edward Degaetano mill-villa. **Din l-interpretazzjoni sic et simpliciter tirriżulta b'mod manifest mis-sentenza in kwistjoni**[24].*

*18. Għaldaqstant, filwaqt li tilqa' l-aggravju tal-attriċi bħala teknikament ġustifikat, ser tiċħad it-talba attriċi iżda għar-raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-Ewwel Qorti."*

[24] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

Fid-dawl tal-osservazzjonijiet suesposti l-Qorti tissottolinea l-kjarezza tal-intendiment tas-sentenzi Rik 1578/01 u Rik 1665/01 iżda invece, minflok ma ottemprat ruħha mas-sentenzi mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2013 li kienu saru *res judicata*, l-attriċi rikonvenzjonata baqgħet twebbes rasha billi, **minghajr ebda ġustifikazzjoni fil-liġi**, u

ma ħallsitx is-somma ta' €233,000 lill-konvenut rikonvenzjonant. Anzi, **kważi sentejn wara**, u ċioe' f' Marzu 2015 reġgħet intavolat proċeduri ġodda Rik Nru 299/15 dejjem dwar il-ħlas tas-somma ta' €233,000, li eventwalment ukoll ġew respinti. Minn hemm il-Qorti ma tlumx lill-konvenut rikonvenzjonant li beda jfittex ir-rimedji kollha li ttih il-liġi sabiex jieħu dak li kienu ddeċidew is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2013. Iżda għal darb'oħra r-reazzjoni tal-attriċi rikonvenzjonata kienet li tkompli tirreżisti l-ħlas u dan b'manuvri legali li fil-fehma tal-Qorti ma jistgħux ħlief jikkonfermaw l-animu doluż tal-attriċi rikonvenzjonata. Fil-fatt apparti li fil-kuntratt ta' trasferiment ta' Mejju 2016 hija ddikjarat li mhux se tħallas is-somma ta' €233,000 għax l-appell Rik 229/15 kien għadu pendenti, sussegwentement, meta Edward De Gaetano ppreżenta rikors Nru 220/16 għall-ħruġ ta' mandat ta' Sekwestru kontriha, hija ddepożitat fil-Qorti s-somma relattiva f'Ġunju 2017 b'dana li **ġurnata biss wara** li l-Qorti ordnat il-ħruġ tal-kontro-mandat għall- Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 220/16 (għax il-konvenut rikonvenzjonant kien għadu kemm informa lill-Qorti li huwa kkompleta l-iżbank taċ-Ċedola ta' Depożitu 88/17) l-attriċi rikonvenzjonata ntavolat il-proċeduri odjerni flimkien ma' rikors Rik Nru 1102/17 għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra Edward De Gaetano għas-somma ta' €233,000. Meta wieħed għalhekk iqis mhux biss in-nuqqas ta' bażi legali għall-l-attriċi rikonvenzjonata biex ma tirrispettax dak deċiż fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell ta' Ġunju 2013 iżda anke t-tempiżmi li bihom aġixxiet sussegwentement li wasslu għall-ftuħ tal-kawża odjerna l-Qorti tkompli tikkonferma l-animu doluż tagħha ntiż evidentement li jagħmel minn kollox biex jirbaħ iż-żmien qabel ma jsir il-ħlas

dovut lill-konvenut. U din mhijiex kwistjoni li jista' jiġi aċċettat li l-attriċi kienet sempliċiment qegħda tfittex li tissalvagwardja d-drittijiet tagħha għax, kif ingħad fis-suespost, il-Qorti kienet ilha minn Ġunju 2013 li b'mod definittiv u ċar iddeċidiet dwar il-ħlas tas-somma ta' €233,000 li hija kellha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant. L-aġir ġudizzjarju sussegwenti tagħha partikolarment bl-intavolar tal-kawża odjerna ma jistax ħlief jitqies bħala abbuż tal-proċess ġudizzjarju li jimmerita li jiġi penalizzat għax wassal biex il-konvenut rikonvenzjonant ikun f'qagħda li jista' jirċievi l-€233,000 biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Mejju 2019 meta fl-aħħar l-attriċi ċediet l-azzjonijiet ġudizzjarji kollha tagħha fir-rigward.

**L-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant għalhekk sejra tintlaqa'.**

**It-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant** titlob lill-Qorti sabiex b'konsegwenza tal-ewwel talba tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata –

*"…..ai termini tal-artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili, tħallas lil-konvenut l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) fuq is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) b'effett mill-21 ta' Lulju 2017 (data tal-formola tal-iżbank) sad-data tal-pagament effettiv."*

Jiġi nnutat li fit-trattazzjoni orali, d-difensur tal-konvenut rikonvenzjonant ikkoreġa d-data ndikata fl-eċċezzjoni u ripetuta fin-Nota ta' Sottomissjoniet tiegħu u ddikjara li l-imgħax għandu jitħallas mis-17 ta' Mejju 2016 (meta sar il-kuntratt ta' trasferiment ordnat mis-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2013) sat-12 ta' Ġunju 2019 (meta ġie preżentat mill-attriċi rikonvenzjonata r-rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Rik Nru 1102/17).

**L-artikolu 1047 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid hekk -

*"Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

In vista tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward tal-ewwel talba, il-Qorti hija tal-fehma li bl-aġir tagħha l-attriċi rikonvenzjonata tellfet lill-konvenut rikonvenzjonant l-użu tas-somma ta' €233,000 li l-Qorti tal-Appell fis-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2013 kienet ikkonfermat b'mod definittiv li kellhom jitħallsu minnha lil Edward De Gaetano. Issa l-Qorti tal-Appell kienet ħatret lin-nutar Silvana Borg Caruana sabiex tippubblika l-att relattiv għat-trasferiment tan-nofs indiviż ta' Villa Belvedere ġewwa Ħal-Lija. Dan il-kuntratt ġie ppublikat fis-17 ta' Mejju 2016 u f'dik id-data kellu jseħħ mhux biss it-trasferiment tan-nofs indiviż tal-Villa mill-konvenut lill-attriċi iżda wkoll il-ħlas tas-somma ta' €233,000 mill-attriċi lill-konvenut. Madankollu, kif iddikjarat unilateralment hija stess fil-kuntratt, din is-somma ma aċċettatx li tħallasha dakinhar peress li kien għadu pendenti l-appell tagħha mill-kawża Rik 299/15 u ddikjarat ukoll li jekk l-eżitu ta' tali appell kien ser ikun li hija għandha tagħti s-somma msemmija lil Edward De Gaetano ebda imgħax ma kien dovut billi s-sentenza li fuqha huwa kien qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu ma tistipula ebda imgħax. Din id-dikjarazzjoni ġiet fermement opposta mill-konvenut li rriserva l-pożizzjoni tiegħu skont il-liġi.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li għandu raġun jitlob il-ħlas tal-imgħax mis-17 ta' Mejju 2016 għax li kieku l-attriċi ottemprat ruħha mas-sentenzi finali tal-Qorti tat-28 ta' Ġunju 2013 u għaddiet il-ħlas dovut meta dan suppost sar fil-kuntratt ta' trasferiment allura l-konvenut kien ikun f'qagħda li jibda juża dawk il-flus minn dakinhar tal-kuntratt ta' trasferiment.

**Isegwi ghalhekk li l-imgħax għat-telf ta' użu ta' flus għandu jibda jitħallas mis-17 ta' Mejju 2016.**

Hija ġustifikata wkoll it-talba tal-konvenut rikonvenzjonat li l-imgħax għandu jitħallas sat-12 ta' Ġunju 2019 peress li dakinhar l-attriċi rikonvenzjonata ħadet il-passi legali biex permezz tar-rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Rik Nru 1102/17 tneħħi l-aħħar ostaklu legali li kellu l-konvenut biex jiżbanka l-flus lilu dovuti.

**Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tilqa' t-tieni talba tal-kontro-talba tal-konvenut u tiddikjara li l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant l-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' €233,000 b'effett mis-17 ta' Mejju 2016 sat-12 ta' Ġunju 2019.**

**It-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant** tgħid hekk -

*"Konsegwentement, prevja d-dikarazzjoni li l-attriċi aġixxiet doložament, tikkundannaha tħallas ukoll lill-konvenut dik is-somma li tiġi likwidata bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li setgħa jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma."*

Din it-talba qed issir a tenur tal-**artikolu 1047 (2) tal-Kap 16** li jipprovdi hekk-

*"Iżda, jekk il-parti li tikkaġuna l-ħsara tkun għamlet dan doložament, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti wkoll lill-parti li tbati l-ħsara indennizz għal kull ħsara oħra li tkun batiet,kompriż kull telf ta' qligħ, jekk jigi ppruvat li l-parti li kkaġunat il-ħsara, meta tellfet lill-parti li batietha l-użu ta' flusha, kellha partikolarment il-ħsieb li tagħmlilha dik il-ħsara l-oħra, jew jekk dik il-*

*ħsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha."*

In kwantu l-Qorti diġa' sabet aġir doluż da parti tal-attriċi rikonvenzjonata kif spjegat fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel talba, sejra tipproċedi biex teżamina l-provi mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant fir-rigward ta' din it-tielet talba. Mill-atti**, l-unika prova konkreta** li rriżultat lil Qorti bħala kwalifikabbli għal *"ħsara oħra"* li huwa bata kawża tal-aġir ta' Johanna Ganado hija s-somma ta' €3152.79 imħallsa bħala spejjeż u drittijiet ġudizzjarji taċ-ċedola ta' depożitu numru 1906/17 li tnaqqsu mis-somma dovuta lill-konvenut kif spjegat f'dettall fix-xhieda tad-difensur tal-konvenut u kif jirriżulta miċ-ċedola ta' depożitu tas-16 ta' Novembru 2017 a fol 289 tal-proċess.

**Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti jidhrilha li għandha takkolji din it-talba limitatament għal din is-somma ta' €3152.79 bħala danni.**

Għall-istess raġunijiet mogħtija fis-suespost il-Qorti sejra tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi in kwantu dawn ġew ċeduti fil-5 ta' Lulju 2019;**

**2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata;**

**3. Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tiddikjara li bl-azzjoni odjerna tagħha l-attriċi, bla ebda ġustifikazzjoni u dolożament, tellfet lill-konvenut mill-użu tal-flus lilu spettanti skond il-liġi;**

**4. Tilqa' t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tiddikjara li ai termini tal-artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili, l-attriċi rikonvenzjonata tħallas lil-**

**konvenut l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) fuq is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) b'effett 17 ta' Mejju 2016 sat-12 ta' Ġunju 2019;**

**5. Tilqa' t-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata tħallsu s-somma ta' tlett elef mija u tnejn u ħamsin Ewro u disa' u sebgħin ċenteżmu (€3152.79) bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li seta' jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000);**

**6. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi rikonvenzjonata.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**